MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 213/2010

**Fava Woodworks Limited (C-3322)**

**Vs**

**Concetta Cacciattolo (Karta ta' l-Identità bin-Numru 73065M)**

**Il-Qorti**,

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Fava Woodworks Limited fit-8 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema titlob li l-konvenuta Concetta Cacciattolo tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erbat elef disa' mija u disghin Euro (€4,990), rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' l-ghamara esegwit mis-socjetà attrici fuq istruzzjonijiet taghha stess; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' April 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat fid-19 ta' Mejju 2010, kontra l-Concetta Cacciattolo;

Rat illi Concetta Cacciattolo giet notifikata bl-Avviz u bl-avviz tas-Smigh bil-procedura ta' l-affissjoni u

pubblikazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda din naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenuta fil-15 ta’ Ottubru 2012;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**:

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta’ €4,990.00, rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ l-ghamara minnha esegwit fuq struzzjonijiet tal-konvenuta stess.

Il-konvenuta ghalkemm debitament notifikata bl-Avviz u bl-avviz tas-Smigh bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma pprezentatx Risposta in opposizzjoni ghat-talba attrici u ma deheritx biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici. Il-Kapitolu ipprezentat fil-konfront taghha ghalhekk qed jittiehed bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa dovut lilha mill-konvenuta u li ghalhekk t-talba taghha ghall-hlas hija gustifikata.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €4,990.00, bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta’ Gunju 2010, id-data tal-prezentata tal-proceduri odjerni, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 14 ta’ April 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat fid-19 ta’ Mejju 2010, jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------